# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 308/2017**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Derrin Fenech sive Derrin Edward Fenech**

Illum l-erbgħa (4) ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **Derrin Fenech sive Derrin Edward Fenech**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 144473(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar l-ewwel ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (1/6/2010) f'xi ħin bejn is-07:00 u l-11.30 ta' filgħodu ġewwa fond numru 125, Triq is-Sorijiet, Tarxien:

1. ikkommetta serq ta' diversi oġġetti tad-deheb u ġojjellerija kif ukoll ta' flus kontanti li b'kollox jammontaw għal sitt elef u ħames mitt Ewro għad-dannu ta' Mariella u Arthur Shields

u/jew ta' persuna/i oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-valur li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) bi ksur ta' Artikoli 263, 264(1), 266(1), 269(g), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv skont sentenzi mogħtija lilu, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan bi ksur ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Ġunju 2017 fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minnhom.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fl-10 ta' Lulju 2017 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: "***tħassar u tirrevoka*** *s-sentenza appellata wara li tisma' dan l-appell u minflok ssib lill-appellat Derrin Fenech ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena skont il-liġi u fil-parametri relattivi.*"

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali, hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali u li wassal lill-appellat jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Mir-rapport tal-Pulizija (Dok. "CE" – *a fol.* 122 *et seq.*) jirriżulta li fl-1 ta' Ġunju 2010 il-Pulizija kienu marru fid-dar 125, Triq is-Sorijiet, Ħal-Tarxien fejn kien hemm Mariella Schields fi stat ta' xokk u fejn ġie nnutat li l-kmamar kienu kollha mqallba. Ingħad li l-flus kontanti kienu jinżammu fil-kamra tal-ikel u ġewwa l-kexxun waqt li d-deheb kien f'kaxex tal-kartun fil-gwardarobba fil-kamra tat-tfal li kienet fuq. Ma deherx li kien hemm xi sgass. Fl-istess rapport hemm imniżżel hekk: *"on asking Mrs. Shields how did she found the door, she stated that the main door was closed but the kitchen door leading to the back yard was opened"* (*a fol.* 125).

- Fl-istqarrija tiegħu (*a fol.* 10 *et seq.*) l-appellat qal li hu ma kien għamel xejn u li qatt ma resaq lejn dawk il-postijiet. Huwa kien lest li jagħti l-impronti diġitali tiegħu.

- L-Uffiċjal Prosekutur l-i**Spettur Saviour Baldacchino** (*a fol.* 18 *et seq.*) xehed dwar l-Inkjesta li kienet saret waqt li l-Pulizija kienet bagħtet għall-appellat għax kienet infurmata li seta' kien involut. Jgħid li l-Pulizija ħarġet l-imputazzjonijiet kontra l-appellat għaliex l-impronti diġitali tiegħu kienu fuq il-post. Huwa eżebixxa s-sentenza (Dok. "SB 1" – *a fol.* 23 *et seq.*) mogħtija fit-22 ta' Ottubru 2012 fejn l-appellat kien ġie kkundannat għal sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin u dana oltre li ġie projbit milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien sena u oltre wkoll li ġie kkundannat iħallas spejjeż *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

- Id-Deputat Reġistratur **Maria Grech Cardona** (*a fol.* 35 *et seq.*) eżebiet il-*Proces Verbal* (*a fol.* 44 *et seq.*) redatt mill-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi fir-rigward tas-serqa in kwistjoni.

- Mir-rapport (Dok. "2" – *a fol.* 70 *et seq.*) mħejji mis-*Scene of the Crime Officer* **PS 1184 Patrick Grech** jirriżulta li nstabu s-segwenti:

  - marka fuq kaxxa tad-deheb fil-kamra tas-sodda tat-tifla fuq is-sodda;

  - marki oħra fuq kaxxa tal-kartun tad-D&G li kienet mal-art fil-kamra tas-sodda tat-tifla; u

  - marki oħra misjuba fuq kaxxa tal-kartun tad-D&G li kienet mal-art fil-kamra tas-sodda tat-tifla.

- Is-*Scene of the Crime Officer* **PC 453 Brian Cassar** (*a fol.* 76 *et seq.*) ħa ħsieb jiġbed ir-ritratti. (Ara b'mod speċjali Dok. "10 BAK 134 sa 136" – *a fol.* 78 – li jagħtu dehriet ġenerali ta' minn fejn ġew elevati marki misjuba minn PS 1184 P. Grech liema marki kienu fil-kamra tas-sodda tat-tifla.

- Dok. "JM" (a *fol.* 88) juri l-impronti diġitali tal-appellat kif meħuda mill-espert Joseph Mallia.

- Fir-rapport (Dok. "JM 2" – *a fol.* 91) mħejji mill-espert Joseph Mallia li ġie nkarigat jagħmel eżami komparattiv bejn l-impronti diġitali tal-appellat u dawk elevati minn fuq ix-xena tad-delitt ġie konkluż, fost l-oħrajn, hekk:

  "2. Illi l-impronta dokument BAK 302 ġiet ikkomparata pożittament u għalhekk hija identika mal-marka tas-saba tan-nofs tal-id ix-xellugija ta' Edward Darren Fenech, detentur tal-karta tal-identita' numru 144473 (M).

3. Illi l-impronta dokument BAK 303 ġiet ikkomparata pożittivament u għalhekk hija identika mal-marka tas-sab l-kbir tal-id ix-xellugija ta' Edward Darren Fenech, detentur tal-karta tal-identita' numru 144473(M)."

- **Mariella Shields** (*a fol.* 99 *et seq.*) tgħid li dakinhar tal-akkadut kienet ħarġet għal xi s-6.00am u daħlet lura d-dar għal ħabta ta' l-10.00am. Tgħid li ċemplet mill-ewwel l-Għassa tal-Pulizija u li d-deheb waħdu kien jiswa madwar erbat elef Euro (€4,000). Tixhed ukoll li kellha tlitt elef Euro (€3,000) fi flus għaliex kienu sejrin jixtru għall-ħanut tagħha. Tgħid li lill-appellat tafu għax jiġi ħu l-ħabib tar-raġel tagħha Arthur Shields u li jkun qiegħed ħdejhom fil-garaxx u li dak iż-żmien tas-serqa lanqas kien jaf fejn kienu joqgħodu. Tgħid li l-appellat qatt ma kien tahom xi rigali u li hu jaħdem mar-raġel tagħha u li hi ma kellha suspett f'ħadd. Mistoqsija dwar il-kaxxa tal-fwieħa bin-numru 303 li tidher fir-ritratt Dok "10 BAK 136" (*a fol.* 78) tgħid li ma kellha ebda konnessjoni mal-appellat. In <u>kontro-eżami</u> tispjega li kellha dawk il-flus kontanti kollha għaliex l-għada kienu sejrin jixtru ċ-*cheese counter* u l-*fridges* tal-ħanut. Tgħid li lill-Pulizija tathom elenku tad-deheb li kien hemm li biċċa minnu kien antik.

- **Arthur Shields** (*a fol.* 112 *et seq.*) jgħid li kien ilu jaħdem ma' ħu l-appellat għoxrin sena u li ġieli kien ra lill-appellat il-garaxx. Jgħid li hu qatt ma kellu suspett fih u li qatt ma kien mar id-dar fejn seħħet is-serqa. Jgħid li qatt ma kienu taw rigali lil xulxin.

- **PS 1257 Conrad Ellul** (*a fol.* 118 *et seq.*) ippreżenta l-okkorrenza (Dok. "CE" – *a fol.* 122 *et seq.*) u qal li ma kienx staqsa lid-derubati kellhomx xi suspett.

- Meta xehed l-appellat **Derrin Fenech sive Derrin Edward Fenech** (*a fol.* 139 *et seq.*) huwa li qal li Arthur Shields kien jaħdem ma' ħuh u ġieli mar iġib l-affarijiet miegħu. Jgħid li

hu qatt ma kien mar id-dar fejn saret is-serqa u li l-Pulizija bagħtu għalih tliet snin wara iżda Arthur Shields ma kienx semmieh mal-Pulizija. Jgħid li l-istess Shields kien qallu li lanqas biss semma min għandu ċ-ċwievet li kienu oħt, ħu u z-zija ta' Arthur Shields. Għar-rimarka: *"Qed jiġi allegat li hemm fingerprint tiegħek fuq xi kaxxa kulur id-dehen, lewn id-deheb"* (*a fol.* 144), wieġeb: *"Kien iġib ħafna affarijiet il-garaxx hu. Setgħet kienet ġo vann u messejtha. Għax ġie li rkibt miegħu u morna nixtru l-aluminium"* (*a fol.* 144).

Fil-<u>kontro-eżami</u> qal li qatt ma ħareġ mal-familja derubata. Hu kien mar biss fil-post il-ġdid. Hu ma kienx f'pożizzjoni li jiftakar li kien ra l-kaxxa mmarkata bin-numru 303. Jgħid li l-kaxxa setgħet kienet ġol-vann u li forsi kienet fuq is-*seat* u mexxieha b'idejh. Mistoqsi x'kellu xi jgħid dwar il-fatt li l-kaxxa kienet rigal u li qatt ma kienet ħarġet mid-dar, wieġeb: *"Mela jiena naf x'għamel u m'għamilx, mela billi jgħid hu li qatt ma ħarġet mid-dar. Forsi meta qalagħha kienet ġol-vann u mbagħad ħadha d-dar wara"* (*a fol.* 148). Għad-domanda: *"[...]. Jiġifieri jekk qed ngħidlek illi dik il-kaxxa kien fiha d-deheb, jista' jkun li dik kien iġorrha miegħu fil-vann?"* (*a fol.* 149), wieġeb: *"Jiena naf, setgħet kienet b'xi ħaġa oħra u mbagħad għamilha bid-deheb wara hux?"* (*a fol.* 149).

- **Roseanne Borg** (*a fol.* 152 *et seq.*) li hija oħt Arthur Shields qalet li ma kellhiex aktar iċ-ċavetta li kienet ingħatat biex tkun tista' tmur tara 'l ommha meta ħuha Arthur mar joqgħod ma' ommha. Tgħid li ċ-ċavetta reġgħet tatha lil ħuha meta mietet ommha – xi sitt snin qabel.

- **Jesmond Borg** (*a fol.* 158 *et seq.*) beda billi jgħid li kien jaf li kien hemm xi ħadd li qal li ħu martu kien insteraq. Ma jafx li kienu nsterqu xi oġġetti. Qal li kien daħal fid-dar imma meta l-omm kienet ħajja. Jgħid li hu ma kellux ċwievet tal-fond u li lill-appellat ma kienx jafu.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali li jissottometti li l-Ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni, interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata ta' l-ipoteżi tal-liġi u apprezzament żbaljat tal-provi prodotti u li għalhekk ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, ċioè għal-liberatorja tal-appellat.

Illi l-appellant jisħaq li l-aggravju jirriżulta mis-sentenza appellata illi l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellat mill-imputazzjonijiet dedotti kontrih u dan minħabba l-fatt li għalkemm il-Qorti kienet konvinta li l-fatt ta' serq kien *"pjenament ippruvat"* madankollu hija lliberatu stante li fil-fehma tagħha l-aggravju tal-mezz ma ġiex ppruvat, kif ukoll wara li l-istess Qorti skartat il-prova importanti tal-impronta diġitali tal-appellat li nstabu fuq kaxxa tleqq (kulur tad-deheb) fejn id-derubati kienu jżommu d-dehebijiet tagħhom ġewwa r-residenza tagħhom.

Illi l-appellant jisħaq li l-assiem tal-provi huwa univoku u jipponta fl-istess direzzjoni. Jgħid li l-*lifters* tal-impronti diġitali tal-appellat huma prova importanti ħafna. Jisħaq li l-appellat qatt ma kien mar fir-residenza tad-derubati Shields qabel is-serqa u li l-impronti diġitali fuq il-kaxxa li fiha kien hemm id-deheb li nsteraq hija prova b'saħħitha li timmilita kontra l-appellat. Jargumenta li l-verżjoni tal-appellat hija inverosimili li skont hu jista' jkun li Shields xi darba minnhom ħa din il-kaxxa fil-vann miegħu u hu messha. Jgħid li din il-verżjoni ma tagħmilx sens u dana peress li Shields ma kellux għalfejn jieħu dik il-kaxxa fuq il-post tax-xogħol jew li jħalliha fil-vann stess. Jargumenta li l-impronti nstabu fuq il-kaxxa għax kien l-appellat li wettaq is-serqa u li hija kumbinazzjoni kbira li l-impronti tal-appellat instabu proprju fuq il-kaxxa li kien fiha d-deheb. Jgħid li l-provi diġitali huma provi xjentifiċi u ma jistgħux ikunu skartati b'mod leġġer.

Illi l-appellant Avukat Ġenerali jissottometti wkoll li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-liġi. Jgħid li joħroġ ċar li l-Ewwel Qorti ma kinitx moralment konvinta mill-ħtija abbażi biss li fil-fehma tagħha l-kwalifika tal-mezz ma ġietx ippruvat. Jargumenta li jekk il-Qorti ma sabitx prova tal-gravanti tal-mezz ma jfissirx li ma setgħetx issib lill-appellat ħati ta' serq u li setgħet issibu ħati tal-gravanti tal-valur u tal-lok.

Illi finalment l-appellant Avukat Ġenerali ġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-appellat ma rriformax ruħu.

**Ikkunsidrat**

Illi effettivament l-appell tal-appellant Avukat Ġenerali jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-fatti. Din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

Illi din il-Qorti għamlet eżami dettaljat tal-provi kif imressqa quddiem l-Ewwel Qorti. In fatti mill-*Process Verbal* u mill-atti l-oħra li jirriżultaw fl-atti proċesswali li sar sommarju tagħhom aktar 'il fuq f'din is-sentenza, jirriżulta bla dubju li nhar l-1 ta' Ġunju 2010 seħħet serqa mill-fond 125 Triq is-Sorijiet, Ħal-Tarxien

liema serqa kienet tikkonsisti fi flus u deheb li jammontaw għall-anqas sitt elef u ħames mitt Euro (€6500). Din il-figura ta' sitt elef u ħames mitt Euro (€6,500) taqbel mal-figura mogħtija lil Dr. Joseph Mifsud li kien ġie nkarigat bħala Espert fl-Inkjesta Maġisterjali u li tirriżulta fir-rapport tiegħu (Dok. "1" – *a fol.* 51 *et seq.*). Isegwi għalhekk li l-ammont misruq jeċċedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) msemmija f'Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk il-kwalifika tal-ammont jirriżulta ppruvat. Tirriżulta wkoll il-kwalifika tal-lok minħabba li s-serqa saret f'dar ta' abitazzjoni u dan *ai termini* ta' Artikolu 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn naħa l-oħra ma hemm ebda prova dwar il-kwalifika tal-mezz fis-sens li jirrikjedi Artikolu 263 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Ewwel Qorti qalet hekk fis-sentenza appellata (*a fol.* 166):

> "L-ispjegazzjoni li ta l-imputat għal seba tal-impronti diġitali tiegħu tista' tkun plawsibbli u mhux kemm tiġi skartata frettolosament.
>
> Li taf din il-Qorti hu illi trid tkun moralment konvinta dwar il-ħtija tal-imputat, ħaġa li frankament mhiex, stante n-nuqqas tal-prova tal-mezz, iġifieri għal fond tad-derubati, li jidher li ġie ottenut mill-bieb prinċipali li fuqu ma nstab l-ebda sgass u li jagħti suspett li min daħal u seraq kellu ċ-ċavetta tal-bieb."

Illi l-indizji li hemm kontra l-appellat fil-atti proċesswali huma żewġ impronti diġitali li kien hemm fuq kaxxa li kien fiha d-deheb u li hija mmarkata bin-numru 303 hekk kif imsemmi aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan l-istadju ssir riferenza għall-ġurisprudenza fir-rigward ta' provi ċirkostanzjali u fir-rigward ta' impronti diġitali. Fis-sentenza mogħtija fit-8 ta' Mejju 2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Cyrus Engerer** (Numru 275/2013) din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "F'kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali kif preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija versus Michael Ellul Vincenti** fit-tlieta (3) ta' Ottubru elfejn u tlettax (2013) li kien jittratta kważi l-istess meritu, l-argumenti tal-ewwel Qorti ukoll ibbażati fuq provi ċirkostanzjali u fejn ippretendiet ukoll iċ-ċertezza. Il-Qorti tal-Appell qalet: *"Jingħad mill-bidunett li imkien fil-liġi ma tobbliga lill-Qorti illi hija tkun ċerta mingħajr ombra ta' dubbju dwar ħtija o meno tal-akkużat. Iċ-ċertezza tinsab fir-ren divin u fl-akkużat illi jaf ċert x'ġara u ma ġarax. Għall-fini tal-ġustizzja umana huwa biżżejjed illi dik il-prova tilħaq livell ta' mingħajr dubbju dettat mir-raġuni u ċioé livell ogħla mill-probabbli illi huwa biżżejjed biex jissodisfa xi teżi jew oħra tad-difiża."* Huwa veru illi dan il-każ hu prinċipalment ibbażat fuq provi ċirkostanzjali u biex dawn ikunu effettivi b'valur probatorju li wieħed jista' jorbot fuqhom, il-Qorti trid tkun sodisfatta illi dawn il-provi jippuntaw għall-konklużjoni waħda u waħda biss."

Illi fis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Frar 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Zahra** (Numru 449/2021), din il-Qorti diversament preseduta saħqet hekk:

> "Għalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fiċ-ċirkostanzi u dan a bażi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti għandha tqis provi ċirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegati reati. Dan qed jingħad għaliex għalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Ġudikant jaċċerta ruħu li huma univoċi.
>
> Fil-fatt il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għal sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-ħmistax (15) ta' Ġunju, 1998 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Lee Borg**, fejn kien ġie ritenut li provi

jew indizzji ċirkostanzjali għandhom ikunu univoċi, ċioè mhux ambigwi. Għandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkużat mar-reati u ħadd iktar, anzi l-akkużat biss, li huma l-ħati u l-provi li jiġu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innoċenza tiegħu. Illi għalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-każ li jiġi ppruvat li kien l-imputat biss li għamel dak li ġie akkużat bih u għalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra kwalunkwe prova possibilment ċirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu."

Illi fis-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ġunju 1998 fil-kawża fl-ismiijiet **Il-Pulizja vs. Emanuel Camilleri** ġie deċiż li:

"f'dak il-każ il-prova tal-*fingerprints* kien jinħtieġilha korroborazzjoni minn provi ċirkostanzjali oħra. Pero' hemm każijiet fejn il-prova tal-*fingerprints* waħedha tkun biżżejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-ħtija tal-akkuża".

Fil-fatt fl-Ingilterra fil-każ **R v. Castletan** (3 Cr App R - 74, CCA (*vide* Archbold 1997 para 14-97) ġie deċiż li:

"Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification".

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** (Numru 11/1998) deċiża fis-7 ta' Marzu 2002, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Il-liġi tagħna ma tistabilix il-kriterji ta' numru ta' *"matching points"* jew *"points of comparison"* li għandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert ieħor ma' dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-Pulizija għal biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq 9 *points*. Iżda qabel ma tmur il-

Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas 14 il-*"point of comparison."*

BLACKSTONES - "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) (paġna 2311-2312) jgħid testwalment hekk:-

"Fingerprint evidence should be presented by a qualified expert, with at least five years' experience in the examination and comparison of such evidence. Properly presented fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification [...]. In a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (*Chappell v DPP* (1988) 89 Cr App R 82). Finger print experts used to seek at least 16 matching ridge characteristics between the suspect's print and the crime print before asserting that the prints come from the same person, but this has never been a strict legal requirement, and courts have a discretion to admit evidence based on fewer matching characteristics. See for example BUCKLEY (1999) 163 JP 561, in which the Court of Appeal upheld a robbery conviction following a trial at which the appellant was identified on the basis of a mere nine-point match. Rose LJ said:

"Finger print evidence, like any other evidence, is admissible ... if it tends to prove the guilt of the accused. It may so tend, even if there are only a few similar ridge characteristics, but it may, in such case, have little weight. It may be excluded in the exercise of judicial discretion, if its prejudicial effect outweighs its probative value.....".

He added that Courts or judges would have to consider, before exercising this discretion, the experience and expertise of the witness presenting it, the number of similar ridge characteristics identified, the presence of any dissimilar characteristics, the size of the crime print ... and the quality and clarity of that print ... Rose LJ still

considered it "highly unlikely" that anything less than an eight-point match could be acceptable, in the absence of exceptional circumstances. The latest guidelines on fingerprint analysis emphasise the primacy of subjective evaluation when determining whether prints can be said to match, and no longer specify a need for any particular number of matching ridge characteristics."

Illi l-ARCHBOLD "Criminal Pleading, Evidence and Practice" (2001 edit.) (paġna 1348 ) jgħid:-

"A person may be identified by fingerprints alone: R. v Castleton, 3 Cr. App. R 74 CCA". The National Fingerprint Standards were laid down in 1953. These require a match of 16 ridge characteristics on any one digit or, where prints are uplifted from two digits, not less than ten matches for each digit. However, the current consensus of experts is that these standards are too exacting"

u imbagħad jiċċita il-prinċipji enunċjati fil-kaz ta' *R v. Buckley* fuq ċitat fil-Blackstone's."

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Frendo** (Numru 173/2003) deċiża fit-30 ta' Diċembru 2004, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"L-impronti diġitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – *"circumstantial evidence""* - li kif qal Lord Salmon fil-każ ***DPP v. Kilbourne*** [1973] AC 729, p. 758 *"…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities"*. Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku – il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvinċix lill-Ġudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess

persuna tar-reat li bih tkun akkużata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw għall-anqas għal tentattiv ta' dak ir-reat".

Fis-sentenza appena ċitata, il-Qorti qalet hekk ukoll:

"Waħedhom dawn l-impronti kienu tali li setgħu, legalment u raġjonevolment, inisslu fil-Ġudikant il-konvinċiment morali li kienet il-persuna li lilha kienu jappartjenu l-istess impronti li kienet hekk spustathom, u dan evidentement bil-ħsieb li jinġarru flimkien ma' l-oġġetti l-oħra li kienu effettivament inġarru. Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni, imqar fuq bażi ta' probabbilita', ta' kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiċċaw fuq l-oġġetti misjuba fil-kaxxa, l-ewwel Qorti ftit li xejn kellha triq oħra għajr li ssib lill-appellant ħati skond l-ewwel imputazzjoni."

Illi riferenza għandha ssir ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Bugeja** (Numru 309/2011) mogħtija fit-22 ta' Novembru 2012 fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"19. F'dan il-każ l-impronta li qablet mas-saba' ż-żgħir ta' l-id ix-xellugija ta' l-appellat instabet fuq il-kument tat-tieqa tan-naha tal-lemin ta' l-uffiċċju tal-Mid-Med. Din it-tieqa tinsab fuq in-naħa ta' wara tal-Bank fejn, minn eżami tar-ritratti meħudin u esebiti minn P.C. 516 Alfio Borg (*a fol.* 37), jirriżulta li hemm passagg dejjaq – mhux, mela, post fejn hu mistenni li jikkongregaw in-nies. L-impronta nstabet proprju fuq il-kument tat-tieqa tal-lemin, dik it-tieqa (*sliding*) li tkissritilha l-ħġieġa biex setgħet tinfetaħ u tiġi mbuttata lejn ix-xellug sabiex b'hekk il-ħalliel jew ħallelin setgħu jaqtgħu l-ħadid li kien hemm fuq in-naħa ta' ġewwa.

20. [...] Dak li hu pależi hu li l-appellat ma ta l-ebda spjegazzjoni raġjonevoli ta' kif impronta ta' idu l-leminija

> tħalliet proprju fuq it-tieqa sgassata ta' l-uffiċċju tal-Mid-Med Bank fl-Universita' Tal-Qroqq."

Illi fir-rigward tal-każ li dwarha qed tingħata din is-sentenza, din il-Qorti tinnota li mix-xhieda – inkluża dik tal-appellat – jirriżulta li l-appellat qatt ma kien fid-dar fejn kienet seħħet is-serqa u lanqas qatt ma kienu għaddew rigali bejnu u l-familja Shields. Minkejja dan l-impronti tal-appellat instabu proprju fuq il-kaxxa fejn kien hemm id-deheb.

Illi l-appellat xehed u ried jgħid li Arthur Shields – li kien jaħdem ma' ħuh – seta' ħa l-kaxxa miegħu fil-garaxx fejn kien isir xogħol fuq l-*aluminium*. Jgħid ukoll li l-kaxxa setgħet kienet fil-vettura ta' Arthur Shields u li hu (l-appellat) messha biex iċaqlaqha minn fuq xi *seat*.

Illi, fid-dawl ta' dak li ngħad fil-ġurisprudenza kkwotata aktar 'il fuq, din il-Qorti tqis li l-impronti diġitali jitqiesu bħala waħda mill-indizji fil-forensika l-aktar ta' min joqgħod fuqha. Mingħajr tlaqlieq ta' xejn, din il-Qorti tgħid li l-ispjegazzjoni tal-appellat ma treġix assolutament u lanqas kważi tasal sal-grad tal-possibbli aħseb u ara dak tal-probabbli. Il-Qorti mhijiex qed tistenna mill-appellat prova 'l hemm dettata minn kull dubju raġonevoli għaliex dak huwa grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni iżda dak li xehed l-appellat ma jikkonvinċi xejn lil din il-Qorti.

Illi lanqas ma jsegwi li għaliex il-Prosekuzzjoni ma nrexxilhiex tipprova l-kwalifika tal-mezz, allura l-appellat mhux ħati tas-serqa. Dan huwa żgur applikazzjoni ħażina tal-liġi u ma jsegwix loġikament. Għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħetx tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Konsegwentement il-Qorti qed tilqa' l-aggravji tal-Avukat Ġenerali u qed issib lill-appellat ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni dedotta kontra tiegħu mingħajr pero' l-kwalifika tal-mezz għaliex din il-kwalifika ma ġietx ippruvata.

Illi dwar l-addebitu tar-reċidiva l-Qorti tinnota li l-fatti ta' dan il-każ jirrisalu għall-1 ta' Ġunju 2010 waqt li l-Prosekuzzjoni eżebiet sentenza li ġiet immarkata bħala Dok. "SB 1" (*a fol.* 23 *et seq.*) u li

ġiet mogħtija fit-22 ta' Ottubru 2012. F'din is-sentenza l-appellat instab ħati, fost l-oħrajn, ta' imputazzjonijiet li seħħew bejn id-19 u l-20 ta' Ġunju 2010 li jiġu ftit ġranet wara s-serqa li għandha x'taqsam ma' dan il-każ. Huwa sinjifikanti wkoll li ċ-ċitazzjoni kontra l-appellat fir-rigward ta' liema qed tingħata din is-sentenza ġiet ippreżentata fil-21 ta' Novembru 2013. Biex japplika Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta persuna trid tikkommetti reat fi żmien għaxar snin jew ħames snin minn meta tkun intemmet il-piena. F'dan il-każ dan ma seħħx skont il-kronoloġija msemmija. Għalhekk din il-Qorti ma ssibx lill-appellat ħati tal-addebitu tar-reċidiva hekk kif imsemmi fit-tieni (2) imputazzjoni u b'hekk hu għandu jkun liberat mill-imsemmija imputazzjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellat ħati tal-kwalifika tal-mezz fl-ewwel (1) imputazzjoni u fejn sabitux ħati wkoll tat-tieni (2) imputazzjoni;

- tħassarha u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellat ħati u lliberatu mill-bqija tal-ewwel (1) imputazzjoni u minflok, wara li rat Artikoli 261(ċ), 261(e), 267, 269(g), 279(b) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-appellat Derrin Fenech sive Derrin Edward Fenech ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni bil-kwalifika tal-valur u tal-lok biss u tikkundannah għall-piena ta' sentejn (2) priġunerija li bis-saħħa ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tiġi sospiża għall-perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum.

  B'applikazzjoni ta' Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-appellat Derrin Fenech sive Derrin

Edward Fenech sabiex fi żmien sitt (6) xhur millum iħallas l-ammont ta' sitt elef u ħames mitt Euro (€6,500) lid-derubati.

Il-Qorti spjegat lill-appellat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien li l-perjodu ta' priġunerija tiegħu ġie sospiż u x'jiġri f'każ li jonqos milli jħallas l-ammont ta' €6,500 imsemmi hawn fuq fiż-żmien lilu mogħti.

Finalment, *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-appellat Fenech iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti f'dawn il-proċeduri, u ċioè is-somma ta' elf u ħamsa u disgħin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€1,095.54) fi żmien tliet xhur millum.[1]

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**

[1] Dr. Joe Mifsud (€356.32) (Dok. "1" – *a fol.* 59 *tergo*); PS 1184 Patrick Grech (€32.59) (Dok. "2" – *a fol.* 75); PC 453 Brian Cassar (€137.29) (Dok. "3" – *a fol.* 81); Joseph Mallia (€569.34) (Dok. "JM 2" – *a fol.* 91).